| IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB | THE NATIONAL BOOK COUNCIL |
| --- | --- |
| **Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2017<br>(Kotba 2016)** | **The National Book Prize 2017<br>(Books 2016)** |
| **I** Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jgħarraf illi biex jingħata għarfien lil dawk l-awturi li (a) qed jiktbu bil-Malti jew bl-Ingliż u (b) jippubblikaw f'Malta se jingħataw premjijiet u għotjiet għall-aħjar xogħlijiet letterarji u dawk mhux letterarji li nkitbu f'dawn il-lingwi. Dawn ix-xogħlijiet iridu jkunu ġew ippubblikati f'kotba matul is-sena 2016. | **I** The National Book Council notifies that in order to give due recognition to authors, (a) writing in either Maltese or English and (b) publishing in Malta, awards and grants are to be accorded to literary and non-literary works presented in these languages. These works must have been published in book form during the year 2016. |
| **II** Biex ktieb ikun eleġibbli li jipparteċipa jrid ikollu:<br>1. id-data tal-pubblikazzjoni (2016) tidher,<br>2. irid ikun fih mhux inqas minn 80% tal-kontenut li ma kienx ippubblikat qabel,<br>3. iridu ikollu in-numru tal-ISBN maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb,<br>4. ma jkunx rebaħ premju diġà f'wieħed mill-premjijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.<br>5. jkun sar depożitu legali tal-pubblikazzjoni fil-Biblioteka Nazzjonali ta' Malta. | **II** In order for a book to be elegible for participation, it must have:<br>1. the publication date (2016) printed in the book<br>2. 80% of its content must not have been published before<br>3. the ISBN number issued by the National Book Council<br>4. not won a prize in any of the previous competitions organised by the National Book Council<br>5. a copy of the publication already legally deposited at the National Library of Malta. |
| **III** Kull ktieb se jiġi evalwat mill-bord tal-aġġudikazzjoni skont kriterji mħejjija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-bord tal-aġġudikazzjoni jinnomina numru ta' kotba f'kull kategorija biex imbagħad jiġu ppremjati l-aħjar kotba dejjem jekk jintlaħaq il-livell mixtieq. Il-Bord jista' jiddeċiedi li ma jingħatax il-premju jekk ma jkun hemm l-ebda ktieb li jissodisfa numru ta' kriterji. | **III** Every book will be evaluated according to criteria set down by the National Book Council. The Adjudicating Board will be short listing a number of books in each category in order to award the best publication, only if the required level is reached. The Board may not award the prize if there is no publication that satifies a number of set criteria. |
| **IV** Jingħataw dawn il-premjijiet lir-rebbieħa f'kull kategorija:<br>1. F'kull kategorija jingħata premju ta' €1,000, trofew u ċertifikat lill-kotba li jġibu iktar minn 90 marka,<br>2. Jingħata wkoll ċertifikat lill-pubblikaturi ta' kull ktieb rebbieħ f'kull kategorija kif ukoll ċertifikat lil dawk l-awturi u pubblikaturi li l-kotba tagħhom ikunu ġew innominati, | **IV** These prizes will be awarded to winners in every category:<br>1. An award of a €1,000, a trophy and a certificate will be awarded for entries in every category which have exceeded 90 marks.<br>2. A certificate will be awarded to publishers of winning books in every category as well as to every author and publisher whose book has been shortlisted. |
| Xahrejn qabel id-data taċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jitħabbru n-nominazzjonijiet f'kull kategorija. | Two months prior to the National Book Prize ceremony, the shortlisted nominees will be announced. |
| **V** Premjijiet lil xogħlijiet letterarji:<br>1. Ir-rumanz<br>2. In-novella<br>3. Il-poeżija | **V** Prizes for literary works:<br>1. The Novel<br>2. The Short Story<br>3. Poetry |

| | |
|---|---|
| 4. Id-dramm<br>5. It-traduzzjoni*<br><br>*Għal dan il-premju, it-traduzzjonijiet aċċettati huma biss dawk ta' testi letterarji maqluba għall-Malti minn waħda minn dawn il-lingwi: (a) l-Ingliż; (b) it-Taljan; (c) il-Franċiż; (d) l-Ispanjol; (e) il-Ġermaniż. F'każijiet ta' traduzzjoni minn kwalunkwe lingwa oħra għall-Malti, il-ktieb li jiġi ppreżentat għall-premju irid ikun akkumpanjat ukoll minn *bridge language text* bl-Ingliż. Il-kotba li jiġu tradotti mill-Ingliż, Taljan, Franċiż, Spanjol u Ġermaniż iridu jkunu akkumpanjati b'verżjoni oriġinali. Jekk il-ktieb li jiddaħħal għall-premju ma jkollux miegħu il-verżjoni oriġinali jew *bridge language text* skont il-każ ma jitqiesx bħala eleġibbli. | 4. Drama<br>5. Translation*<br><br>*For this Prize, only translations of literary texts into Maltese from the following languages will be accepted: (a) English; (b) Italian; (c) French; (d) Spanish; (e) German. In cases of transaltion from any other language into Maltese, the submitted publicationmust be accompanied by a *bridge language text* in English. Books translated from English, Italian, French, Spanish and German must be accompanied by the original version of the work in question. Books submitted for the competition unaccompanied by the original version or *bridge language text* will not be considered as eligible. |
| **VI** Premjijiet lil xogħlijiet mhux letterarji<br><br>1. Ir-riċerka ta' natura ġenerali<br>2. Ir-riċerka Bijografika u Storjografija | **VI** Prizes for non-literary works<br><br>1. Works in general research<br>2. Works in biographical and historiographic research |
| **VII** Premjijiet oħra<br><br>1. Jingħataw ukoll trofew u ċertifikat ta' mertu lid-dar ta' pubblikazzjoni li ipproduċiet il-ktieb bl-isbaħ dehra għas-sena 2016.<br><br>2. Jingħataw trofew u ċertifikat ta' mertu lil dik il-persuna li tkun tat kontribut siewi fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb. Dan il-premju jiġi aġġudikat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Jitħabbar biss l-isem tar-rebbieħ/a.<br><br>3. Jingħataw trofew, premju ta' ħames mitt ewro u ċertifikat ta' mertu lil dik il-persuna żagħżugħa li bdiet tikteb riċentament u iddistingwixxiet ruħha bil-kitba u l-kotba tagħha. Dan il-premju jiġi aġġudikat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Jitħabbar biss l-isem tar-rebbieħ/a. | **VII** Other Prizes<br><br>1. A trophy and a certificate of merit will also be awarded to the publication house which has produced the best looking book for 2016.<br><br>2. A trophy and a certificate of merit will be awarded to that person who has given a notable contribution to the fields of literature or book publishing. This prize is adjudicated by the National Book Council. Only the name of the winner will be announced.<br><br>3. A trophy, a prize of five hundred euro and a certificate of merit will be awarded to a young author who started writing recently and who has distinguished himself/herself by his/her writings and books. This prize is adjudicated by the National Book Council. Only the name of the winner will be announced. |
| **VIII** Sottomessjonijiet<br><br>1. Il-parteċipanti jridu jissottomettu applikazzjoni għal kull ktieb fuq il-formola li jeħieġ tinġabar flimkien ma' dawn ir-regolamenti mingħand is-Segretarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb c/o Librerija Pubblika Ċentrali, Floriana, tel. 21222654.<br>Inkella tista' tibgħat e-mail fuq: joe.debattista@gov.mt biex tintbagħtlek kopja bil-posta elettronika.<br>Il-formola ta' applikazzjoni tinstab wkoll fuq is-sit uffiċċjali tagħna: www.ktieb.org.mt | **VIII** Submissions<br><br>1. Participants must submit an application for every book entered for the competition on an application form which along with a copy of these regulations may be collected from the Secretary, National Book Council c/o Central Public Library, Floriana, tel. 21 222654.<br>Alternatively e-mail: joe.debattista@gov.mt to receive the form via electronic mail.<br>The application form may also be found on our official website: www.ktieb.org.mt |

| | |
|---|---|
| 2. Jistgħu jressqu x-xogħol tagħhom: l-awturi jew min għandu d-dritt tal-awturi bil-kunsens tal-pubblikaturi; il-pubblikaturi bil-kunsens tal-awturi jew min għandu d-dritt tal-awturi. | 2. Entries for the competition may be submitted by: the authors themselves* or those persons who have the authors' publishing rights with the consent of the publishers; the publishers with the consent of the authors or those persons who have the authors' rights. |
| 3. Kull parteċipant għandu jindika eżatt f'liema kategorija qed idaħħal il-ktieb tiegħu. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li jibdel il-kategorija indikata mill-awturi u/jew pubblikaturi jekk, fl-opinjoni ta' bord maħtur apposta, ix-xogħol ikun iddaħħal fil-kategorija żbaljata mill-parteċipant.  F'dan il-każ il-parteċipanti jiġu infurmati. | 3. Participants are to indicate clearly under which category the book is being entered. The National Book Council reserves the right to change a category indicated by the author/s and/or publishers if, in the opinion of the adjudicating board, it is decided that said work has been entered in the wrong category.  In this case participants will be informed accordingly. |
| 4. Il-parteċipanti għandhom jibagħtu **erba' kopji** tal-ktieb f'dan l-indirizz:<br><br>**Is-Segretarju**<br>**Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2015**<br>**Attn. Is-Sur Joseph Debattista**<br>**Il-Librerija Pubblika Ċentrali**<br>**Triq Joseph J. Mangion**<br>**Floriana FRN 1800** | 4. Participants are to send **four copies** of the book to this address:<br><br>**The Secretary**<br>**The National Book Prize 2017**<br>**Attn. Mr Joseph Debattista**<br>**The Central Public Library**<br>**Joseph J. Mangion Street**<br>**Floriana FRN 1800** |
| 5. L-erba' kopji (li ma jintraddux lura) għandhom jaslu għand is-Segretarju, Librerija Pubblika Ċentrali mhux aktar tard minn **nofsinhar tal-Ġimgħa, 14 ta' April 2017.** | 5. The four copies submitted (which are not returnable) should reach the Secretary at the Central Public Library by not later **than noon Friday, 14 April 2017.** |
| **Għal skopijiet ta' dawn ir-regolamenti l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qiegħed jagħti dawn id-definizzjonijiet:**<br><br>**Awtur** – kittieb ta' xogħlijiet kreattivi ta' natura oriġinali (ħlief fil-każ tat-traduzzjoni).<br>**Ktieb** –  ktieb mitbugħ u anki *ebook* li għandu ISBN maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb<br>**Pubblikatur** – persuna jew grupp ta' persuni li ppubblikaw mill-inqas ktieb wieħed. | **For the purposes of these regulations, the National Book Council is providing these definitions:**<br><br>**Author** – the writer of creative works of an original nature (except for cases of translation).<br>**Book** – a printed as well as *ebook* with an ISBN issued by the National Book Council.<br>**Publisher** – an individual or grop of individuals that have published at least one book. |
| ***Kull deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hija finali*.** | ***All decisions taken by the National Book Council are final and binding.*** |